**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 6 ta' Marzu 2018**

**Rikors Guramentat Numru:- 39/2015JVC**

**John u Georgine konjugi Buttigieg**

**vs**

**Catherine Buttigieg u b'digriet tas-6 ta' April elfejn u sbatax (2017) Josianne Xerri assumiet l-atti tal-kawza stante l-mewt tal-konvenuta fil-mori tal-kawza.**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi li ppremettew:

1. Illi l-atturi ghamlu zmien konsiderevoli jipprestaw servigi, kuri u assistenti fil-kommissjonijiet kollha tal-konvenuta kif ser jigi dettaljatament pruvat waqt is-smiegh tal-kawza u dan kollu dejjem minghajr hlas izda bil-weghda tal-kumpens finali.

2. Illi inoltre huma ghaddew bosta flejjes lill-konvenuta biex thallsu affarijiet taghha, izda qatt ma gew rimborsati ghalihom;

3. Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' dawn is-servigi u rimborz tal-ispejjez, izda huma baqghu bla ebda risposta.

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

i. Tillikwida l-kumpens dovut lill-atturi ghas-servigi kuri u assistenzi rezi minnhom lill-konvenuta.

ii. Tillikwida l-ammont ta' flejjes li l-atturi ghaddew lill-konvenuta;

iii. Tikkundanna lill-konvenut sabiex thallas lill-atturi dawn l-ammonti hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawn l-ittra ufficjali pprezentata fit-3 ta' Marzu 2015 numru 88/2015 u tal-ittra ufficjali ohra prezentata Marzu 2015 bin-numru 129/2015.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta Catherine Buttigieg illi eccepiet:

1. Illi preliminarjament ir-rikors guramentat kif prezentat mir-rikorrenti huwa null u minghajr effett stante illi l-imsemmi rikors ma jikkontjenix dak mitlub mil-Ligi ai termini tal-Artikolu 156(a) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan in vista li ma saritx dikjarazzjoni li tfisser b'mod car u sewwa l-oggett tal-kawza sabiex jitfisru tajjeb id-dettalji tal-kawza;

2. Illi preliminarjament u subordinarjament ghall-ewwel eccezzjoni, l-esponenti tigbed l-attenzjoni li l-mertu ta' din il-kawza huwa konness mal-kawza fl-ismijiet John u Georgine konjugi Buttigieg vs Emanuel Buttigieg (Rik. Gur. 38/2015(JVC)) u ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-Artikolu 793 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex iz-zewg (2) kawzi jigu mismughin flimkien;

3. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, it-talba, sa fejn relattiva ghal zmien ta' aktar mill-ahhar hames snin, hija milquta bil-preskrizzjoni skont l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ma tistax tirnexxi;

4. Illi fil-mertu, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt peress illi huwa kontestat li r-rikorrenti prestaw xi servigi lill-konvenuta kif ukoll illi mhux minnu li l-atturi ghaddew xi flejjes lill-konvenuta biex thallsu affarijiet taghha izda pjuttost kienu l-istess atturi illi immisappropriaw ruhhom minn flejjes, dehebijiet, hagar prezzjuz u oggetti ohra minghand l-esponenti ad insaputa ta' l-istess esponenti kif ser jigi ppruvat dettaljatament waqt is-smiegh tal-kawza;

5. Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, jekk gew rezi xi servigi dawn gew ikkompensati;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

7. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat li fil-verbal tal-14 ta' Jannar, 2016 il-partijiet qablu li l-provi kollha mressqa f'din il-kawza ghandhom jaghmlu prova fil-kawza 39/2015 fl-ismijiet tal-istess rikorrenti kontra Catherine Buttigieg (oht l-intimat odjern) u vice versa;

Semghet ix-xhieda, rat l-affidavits, kontro-ezamijiet, dokumenti u provi kollha esebiti f'dawn l-atti u fil-process 39/2015;

Rat li fil-verbal ta' nhar l-1 ta' Dicembru, 2017 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub fit-termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

**Fatti:**

Illi l-fatti fil-qosor huma li din hija kawza sabiex l-intimat ihallas allegati servigi rezi lilu mir-rikorrenti. Ir-rikorrent John Buttigieg huwa n-neputi tal-intimat Emanuel Buttigieg (it-tifel ta' huh) filwaqt li r-rikorrenti Georgine Buttigieg hija mart l-istess John Buttigieg. Ir-rikorrenti jsostnu li huma rendew servigi lil Emanuel Buttigieg u lill-ohtu Catherine Buttigieg (fejn talba simili tressqet fil-konfront taghha fl-atti tal-kawza 39/2015 li nstemghet flimkien mal-kawza odjerna u qed tigi deciza llum stess kontestwalment) fuq ammont ta' snin sakemm dawn gew imwaqqfa milli jkomplu jrendu tali servigi mill-intimat u ohtu fi Frar tas-sena 2015. Isostnu wkoll li tas-servigi rezi huma kienu gew mwieghda li ser jirtu l-proprjeta' tal-intimat Emanuel Buttigieg u ohtu Catherine Buttigieg tant li kienu saru anki testmenti f'dan is-sens minn Emanuel Buttigieg u ohtu

Catherine Buttigieg esebiti fl-atti. L-istess intimati ma jichdux li kienu saru dawn it-testmenti. L-intimati wkoll ma jichdux li r-rikorrenti kienu fil-fatt jghinuhom fuq perjodu ta' diversi snin izda jikkontestaw l-estremita' ta' tali ghajnuna u jsostnu wkoll li l-atturi gew ikkumpensati b'dak li lahqu hadu minghandhom allegatament flus, gojjellerija u akkomodazzjoni.

**Ecccezzjonijiet preliminari**

**Artikolu 156 (a):**

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-intimata ssostni li r-rikors guramentat kif prezentat mir-rikorrenti huwa null u minghajr effett stante illi l-imsemmi rikors ma jikkontjenix dak mitlub mil-Ligi ai termini tal-Artikolu 156(a) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan in vista li ma saritx dikjarazzjoni li tfisser b'mod car u sewwa l-oggett tal-kawza sabiex jitfisru tajjeb id-dettalji tal-kawza.

Illi l-Qorti nnotat li fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha r-rikorrenti ma tiddiskutix din l-eccezzjoni.

Illi l-Qorti rat li ghalkemm ir-rikors guramentat huwa wiehed pjuttost qasir dan ma jfissirx li l-informazzjoni moghtija fih mihijiex wahda cara fis-sens li ma taghtix dikjarazzjoni cara tal-oggett tal-kawza anzi pjuttost bil-kontra. L-abbli legali tar-rikorrenti rnexxielha tista' tghid li f'paragrafu wiehed tindika perfettament l-oggett tal-kawza u cioe' pretensjoni ta' hlas ghal zmien li r-rikorrenti ghamlu jipprestaw servigi, kuri u assistenzi lill-intimat liema servigi ecc. skont ir-rikorrenti nghataw bil-weghda ta' kumpens finali u li qatt ma thallsu. Il-Qorti tqis li r-rikors guramentat jissodisfa minghajr ebda dubju r-rekwiziti tal-Artikolu 156(a) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u tqis ukoll li l-intimat ghaggel meta qabad u qajjem din l-eccezzjoni minghajr ma haseb fil-konsegwenzi taghha fosthom l-ispejjez ta' tali eccezzjoni.

Illi din il-Qorti ghar-ragunijiet suesposti ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimata bl-ispejjez kollha tal-istess eccezzjoni kontra taghha.

**Preskrizzjoni:**

Illi l-intimata qajmet ukoll b'mod preliminari l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tat-talba attrici ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' t-terminu ta' hames snin.

Jirrizulta li da parti taghhom ir-rikorrenti stess fis-sottomissjonijiet taghhom mhux qed jinsistu ghall-perjodu li jmur oltre l-hames snin mill-ittra ufficcjali tat-3 ta' Marzu, 2015. Min-naha l-ohra l-intimat ukoll fis-sottomissjonijiet tieghu jinsisti li huma l-pretensjonijiet tar-rikorrenti li jmorru oltre l-hames snin mid-data tal-ittra ufficcjali datata 3 ta' Marzu, 2015 li huma preskritti.

Illi jirrizulta wkoll lil din il-Qorti li l-maggor parti tas-servigi allegatament rezi lill-intimata mir-rikorrenti fi kwalunkwe kaz skont il-provi prodotti bdew jinghataw fil-mument li hu l-intimata Catherine Buttigieg lura f'April 2010 kellu jiddahhal l-isptar bi problemi f'saqajh tant li giet amputata sieq wahda u fejn fl-istess perjodu sahhet l-intimata bdiet tmur lura ferm.

Ghaldaqstant in vista ta' dak kollu suespost stante li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti mhux qed imorru oltre l-perjodu ta' hames snin mid-data tat-3 ta' Marzu, 2015 u stante li jirrizulta li s-servigi li taghhom qed jintalab il-hlas fil-fatt ma jmorrux oltre d-data ta' Marzu, 2010 jirrizulta lil din il-Qorti li t-talbiet tar-rikorrenti mhumiex milquta mill-perjodu ta' preskrizzjoni ta' hames snin ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta b'dana li l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad ukoll din l-eccezzjoni tal-intimat.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex tichad it-tieni eccezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mill-intimata bl-ispejjez kollha ta'din il-eccezzjoni wkoll kontra l-intimata.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi l-bqija tal-eccezzjoni tal-intimata ghajr ghat-tieni wahda li llum hija sorvolata jirrivolvu dwar il-mertu tat-talbiet odjerni.

Il-Qorti rat kelma b'kelma l-provi kollha mressqa fl-atti odjerni u fl-atti 39/2015 fejn mill-istess u fil-qosor hafna jirrizultaw il-provi segwenti:

- Mill-affidavits tar-rikorrenti John u Georgine Buttigieg kif ukoll mill-kontro-ezamijiet taghhom jirrizulta kif l-istess rikorrenti Georgine Buttigieg kienet tirrendi servigi lill-intimata Catherine Buttigieg u huha Emanuel Buttigieg fis-sens li kienet kontinwament tkun fir-residenza taghhom tnaddaf, issajjar u tixtrilhom l-affarijiet neccessarji minghand tal-grocer, spizeriji u hwienet ohra. Kienet ukoll tiehu hsieb il-kont bankarju ta' Emanuel Buttigieg tant li l-pensjoni kienet tissarraf f'kont li kien f'isem l-intimat u l-istess Emanuel Buttigieg. Jirrizulta li Catherine Buttigieg kienet tiehu hsieb hi stess il-kont bankarju taghha.

Ghal dak li huwa perjodu rilevanti ghal din il-kawza cioe' minn Marzu, 2010 'il quddiem jirrizulta li dak iz-zmien hu l-intimata Emanuel Buttigieg wara hafna insistenza mir-rikorrenti accetta li jidhol l-isptar minhabba problema li kellu f'subajgh ta' saqajh. Tant kienu gravi dawn il-problemi li fuq perjodu ta' erba' xhur bejn April, 2010 u Awwissu, Emanuel Buttigieg qatta' bosta gimghat l-isptar fejn sarulu tliet operazzjonijiet fejn fl-ahhar spicca b'sieq wahda amputata. Tul dan iz-zmien kienu r-rikorrenti stess li hadu hsieb lil Emanuel Buttigieg b'dana li John Buttigieg kien imur il-maggor parti tal-hin ma' Emanuel Buttigieg l-isptar filwaqt li Georgine Buttigieg kienet issajjarlu l-ikel. Jirrizulta wkoll li Georgine Buttigieg kienet ukoll taqsam il-hin mar-rikorrenti u kienet tqatta' xi hin l-isptar ma' Emanuel Buttigieg. Mhux kontestat li kien hemm zmien f'dawn l-erba' xhur fejn l-intimat kien rikoverat l-isptar Mater Dei f'Malta u li r-rikorrenti skont min kien imissu u kif kienu jitqassmu kienu jinzlu Malta. F'dan iz-zmien ukoll ir-rikorrenti Georgine Buttigieg kienet torqod ma' Catherine Buttigieg stante li kienet wahedha fid-dar.

Wara li Emanuel Buttigieg irritorna lura d-dar mill-isptar jirrizulta li huwa kellu bzonn ghajnuna kontinwa anki ghaliex kien hemm incident fejn waqa' mis-sodda u ohtu l-intimata Catherine Buttigieg ma kellhiex is-sahha li tghinu stante li kienet ukoll anzjana u kellha l-problemi taghha kif anki xehdu t-tobba. Ir-rikorrent John Buttigieg spicca qatta' perjodu ta' snin jorqod fid-dar tal-initmati Buttigieg biex jiehu hsieb in partikolari lil Emanuel Buttigieg sakemm anki dara juza saqajh mill-gdid. Tul dawn is-snin bejn 2010 u bidu tal-2015 John Buttigieg baqa' wkoll jiehu hsieb id-diversi annimali li Emanuel Buttigieg kellu fid-dar fosthom kelb, fniek u tigiega. Kien hemm ukoll ziemel li izda kien tar-rikorrent u li r-rikorrenti isostni li kien izommu hemm fuq insistenza tal-istess Emanuel Buttigieg ghaliex kien jeheda l-hin tieghu mal-annimali. Ghal bosta snin ukoll John Buttigieg kien jahsel kuljum lil Emanuel Buttigieg u anki kien ilesti t-te u

t-toast ghall-intimati qabel ma jmur ghax-xoghol. Dan apparti manutenzjoni ordinarja tad-dar u bzonnijiet ta' qadi fejn anki kien iwassal lill-intimati ghall-bzonnijet taghhom.

Fl-istess waqt Georgine Buttigieg baqghet konsistentement tghin fit-tindif tad-dar, qadi u anki xi hjata li kien ikollhom bzonn l-intimati. Tul dan iz-zmien ir-rikorrenti kienu wkoll dejjem attenti ghall-intimata Catherine Buttigieg li jsostnu kellha problema serja ta' konsum ta' alkohol li minhabba fiha dahlet diversi drabi l-isptar, liema problema wkoll xejn ma kienet tghinha sabiex hija tkun tista' tinnaviga fix-xoghol tad-dar u fil-qadi li jkun hemm bzonn. Ir-rikorrenti jsostnu li tant Catherine Buttigieg ma kinitx ghadha f'kundizzjoni li taghmel qadi li kienet tat il-vettura taghha Daihatsu lir-rikorrenti Georgine Buttigieg sabiex issuqha hi u tiehu lill-intimata fejn kellha bzonn taghmel il-qadjiet. Li din il-vettura kienet f'idejn ir-rikorrenti mhux kontestat mill-intimati, jikkontestaw izda min kien ihallas ghall-ispejjez bhall-hlas ta' assigurazzjoni u hlas ta' 'fuel'. Malli r-rikorrenti tkeccew mid-dar tal-intimati fil-bidu tas-sena 2015 din il-karrozza giet ritornata lura lill-intimata Catherine Buttigieg.

Ir-rikorrenti jammettu li kien hemm zmien fejn minhabba l-hin twil li John Buttigieg kien iqatta' fid-dar tal-intimati u 'l boghod mill-familja nqalghu problemi bejniethom izda s-servigi li kienu qed jigu rezi lill-intimati Buttigieg baqghu ghaddejjin.

L-istess rikorrenti jikkonfermaw li l-intimati Buttigieg kienu weghduhom li tal-ghajnuna li kienu qed ituhom kienu ser ihallulhom il-proprjeta' taghhom bhala wirt u fil-fatt fl-atti gew esebiti testmenti datati Jannar 2010 u Dicembru 2012 li jevidenzjaw dan. L-istess testmenti jelenkaw id-diversa proprjeta' immobbli tal-intimati li r-rikorrenti jsostu li ghandha valur ta' mill-anqas tliet mitt elf Euro (€300,000). F'mument minnhom kienet tnehhiet mit-testment ir-rikorrenti Georgine Buttigieg u flokha ddahlet it-tifla tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti jinsistu li dan sehh fuq inzijattiva tal-intimati filwaqt li l-intimati jsostnu li din id-decizjoni ttiehdet fuq talba tar-rikorrent minhabba l-problemi li huwa kellu f'dak il-mument ma' martu Georgine Buttigieg. Kien x'kien il-kaz, ir-rikorrenti Georgine xorta wahda baqghet tippresta servigi lill-intimati sal-bidu tas-sena 2015.

L-istess rikorrenti Georgine Buttigieg fix-xhieda taghha tikkonferma li kien hemm zmien fejn kienet tmur tnaddaf bhala carer mal-Gvern u dan

kien fil-perjodu bejn 2012 u Jannar 2015. Ghall-ewwel kienet assenjata tliet sieghat fil-gimgha li mbaghad zdiedu ghall-erba' sieghat. Dan gie kkonfermat ukoll mix-xhud Doreen Camillieri mill-ufficcju tal-ghajnuna tal-anzjani. Ovvjament ta' dawn is-sieghat ir-rikorrenti kienet tithallas mill-istess ufficcju. Ir-rikorrenti izda tinsisti li kienet taghmel hafna aktar sieghat tul il-gimgha kollha u bosta aktar qadi ghaliex tinsisti li l-intimati kienu ferm esigenti u jkunu jridu kollox dak il-hin.

Dwar allegazzjonijiet da parti tal-intimati Buttigieg li r-rikorrenti kienu hadulhom xi flus u xi deheb, ir-rikorrenti jichdu dan kategorigament u f'affidavit tar-rikorrenti Georgine kif ukoll fil-kontro-ezami jaghtu deskrizzjoni cara ta' kif gew ghandhom uhud mid-dehebiijiet (u cioe' ghaliex tathom Catherine lil Georgine) u jichdu li qatt hadu xi flus. Anzi jaghtu spjegazzjoni dettaljata b'mod partikolari John kif Emanuel Buttigieg kien sahansitra jinsisti li flus jinhbew u jissakkru minfejn tkun tista' tohodhom Catherine ghaliex altrimenti kienet tonfoqhom jew tberbaqhom fix-xorb.

Mill-kontro-ezami ta' Georgine Buttigieg johrog li John kien iwassal lil Emanuel fuq ix-xoghol (bhala watchman ta' gibjun) ghaliex skont hi kien ibaghti mill-ghazz u sahansitra kien ikollu joqghod jistennih biex wara ftit johrog lura u jitlaq lura d-dar u ma jarawhx nies izda jirrizulta li dan ma kienx fl-ahhar hames snin ghaliex jirrizulta li l-intimat ilu snin li hareg bil-bord. Ir-rikorrenti tikkonferma li ghamlet zmien qasir torqod ma' Catherine u dan kien meta Emanuel kien l-isptar fl-2010 ghal madwar erba' xhur. Tixhed li kienu jmorru darba hi u darba r-ragel l-isptar fejn Emanuel u r-ragel kien jahslu. Tikkonferma li minn meta Catherine tat il-karozza taghha lil Georgine hija kienet tuzaha mhux biss ghall-qadjiet ta' Catherine izda wkoll ghall-affarijiet personali taghha. Tinsisti li hija kienet taghmel il-hjata izda biz-zmien Catherine kienet marret lura u Emanuel kien '*demanding all the time*' u ghalhekk ma baqghetx tlahhaq u fl-ahhar zmien kellha tidhol il-hajjata li wkoll xehdet f'dan il-proceduri u kkonfermat li hija dahlet lejn l-ahhar zmien (ara xhieda ta' Taddea Buttigieg) ghajr ghall-kfief tal-purtieri. Ir-rikorrenti tinsisti li Catherine kienet tkun mahmuga ghaliex kienet tbaghti bl-imsaren u ma kienitx tkun trid min jahsilha jew tbiddel.

Fil-kontro ezami tieghu r-rikorrent John Buttigieg jinsisti li ma jaqbilx li x-xoghol mal-intimati mis-sena 1986 u wara 2010 baqa' l-istess anzi jghid li zdiedlu hafna. Qabel dahal l-isptar Emanuel lejn l-ahhar tas-sena 2009

bidu tas-sena 2010 ir-rikorrent jghid li ghamel tmien xhur jorqod mal-intimat minhabba l-problemi f'subajgh u wara l-operazzjoni ghamel tliet snin. Jemfasizza li hu kien jorqod ghand iz-zijiet b'rispett ghax kien kitiblu kollox. Jaghti spjegazzjoni dettaljata x'gara mill-flus ta' Emanuel u cioe' li dawn minn kexxun fil-parti ta' fuq tad-dar nizlu isfel u ghalquhom go kexxun isfel inkluz €6,000 li kienu mgemmghin fil-kexxun u erba' pensjonijiet li akkumulaw sakemm Emanuel kien l-isptar. Jghid li fid-dar tal-intimati huwa ra lir-ragel ta' dik li dahlet tghin lill-intimati wara r-rikorrenti cioe' Josianne Xerri f'Marzu, 2015. Jinsisti li martu dejjem kienet taghmel mas-saghtejn/tliet sieghet kuljum tghin fid-dar tal-intimati nkluz is-siegha li kienet mhallsa mid-Dipartiment. Jinsisti wkoll li huwa kien izomm il-vettura, id-daghjsa u z-ziemel fid-dar tal-intimati mhux ghax ma kellux fejn izda ghaliex Emanueli kien jghidlu biex inizzel kollox hemm ghaliex kienet toghgbu l-kumpanija tieghu.

- Mix-xhieda ta' diversi tobba jirrizultaw il-problemi ta' sahha mhux zghar li kienu jbaghtu bihom Emanuel Buttigieg u ohtu Catherine Buttigieg.

Dr Joseph Rapa xehed dwar l-intimat Emanuel Buttigieg u kkonferma li fl-2010 huwa kien dahal l-isptar ibaghti minn 'gangrene' f'subajgh ta' saqajh u jelenka dettaljament id-diversi 'admissions' li Emanuel kellu l-isptar fuq perjodu ta' xhur sakemm ittiehdet finalment id-decizjoni li tigi amputata saqajn wahda.

Ir-rapprezentant tal-isptar Raymond Cini kkonferma li mill-'files' tal-isptar tal-intimati jirrizulta li bhala qraba kienu appuntu mnizzla n-numri tat-telefon tar-rikorrenti li kienu ndikati bhala n-neputijiet.

Dottor Peter Muscat xehed li huwa kien it-tabib ta' Catherine u Emanuel ghall-ahhar hmistax-il sena. Jikkonferma li Catherine kienet tghidlu li hi kienet issajjar u taghmel ix-xoghol tad-dar izda qatt ma ra taghmel dan, jixhed biss dwar dak li kienet tghidlu. Isostni li kien jara lill-intimati jghixu sew flimkien. Jikkonferma li l-intimat Emanuel huwa persuna riservat u ma kienx jarah. Jghid li gieli nzerta lil carer Georgette (b'referenza ghar-rikorrenti). Jikkonferma wkoll li tul l-ahhar hmistax-il sena Catherine Buttigieg kienet dejjem tbaghti mill-musrana u depression u jikkonferma wkoll li kellha l-problema tax-xorb u li kien iwissi lil Catherine biex ma tixrobx u ma tpejjipx.

Ix-xhieda ta' Dr. John Borg dwar il-kundizzjoni ta' Catherine Buttigieg. Huwa jikkonferma li sa mis-sena 1988 hija kienet tbaghti bil-problema tal-alkoholismu. Jikkonferma wkoll li marret lura fl-ahhar hamsa/ghaxar snin. Jghid ukoll li fl-istess perjodu n-neputija Georgine Buttigieg kienet il-bastun taghha u li Catherine kienet tiddependi fuqha.

- Diversi xhieda li jirrisjedu, ghandhom hanut jew jaghtu servizz fil-vicinanza tad-dar tal-intimati Buttigieg jikkonfermaw li kien tista' tghid fatt maghruf li r-rikorrenti kienu l-persuni li jiehdu hsieb lill-intimati u dan ghal tul ta' snin tant li hafna minnhom jikkonfermaw kif imbaghad mill-bidu tas-sena 2015 ma baqghux jaraw lir-rikorrenti fid-dar tal-intimati.

Il-habib tar-rikorrent certu George Zammit jikkonferma li kien jaf li r-rikorrenti b'mod partikolari r-rikorrent John Buttigieg kien ghamel xi tibjid fid-dar tal-intimati u li kien jorqod hemm. Jikkonferma wkoll li Georgine kienet tnaddaf. Isostni wkoll li John spiss ma kienx imur il-bahar maghhom ghaliex kien ikollu x'jaghmel ghand l-intimati Buttigieg.

Anthony Sultana li kien jahdem mar-rikorrent John buttigieg ghall-perjodu ta' madwar sitt snin ikkonferma li hu kien habib mar-rikorrenti u li spiss kien ikun ma' John meta dan kien imur jghin lill-intimati Buttigieg. Kien imur mieghu darbtejn jew tliet darbiet fil-gimgha u kienu jdumu sieghat. Jikkonferma wkoll li sikwit kien jara lil Georgine taghmel il-facendi u dan kien ikunu fil-hinijiet ta' wara nofsinhar.

Ix-xhud John Caruana wkoll kien kien jahdem mar-rikorrenti bix-xarabank. Jikkonferma li fil-perjodu ta' madwar tlieta/erba' snin qabel id-data tax-xhieda tieghu li kienet fl-2016 huwa kien spiss jintalab ibiddel is-shift mar-rikorrent sabiex ir-rikorrent ikun jista' jmur l-isptar fejn Emanuel. Sahanistra jixhed li John gieli offrielu flus biex jaccetta li jibdel ir-rotta biex ikun jista' jmur fejn Emanuel izda hu qatt ma accetta flus. L-istess xhud izda jaghti x'jifhem li r-rikorrent gieli spicca hallas haddiema ohra sabiex ibidlulu s-shift.

Xhud li din il-Qorti tqis bhala importanti kien Anthony Muscat u dan kemm ghaliex xehed bhala habib tal-istess intimat Emanuel Buttigieg u wkoll ghaliex ghall-kuntrarju ta' bosta mix-xhieda l-ohra huwa kien iqatta' hinijiet twal fid-dar mal-intimati Buttigieg fil-prezenza wkoll tar-rikorrenti. Anthony Muscat jikkonferma li huwa kien jiltaqa' mar-

rikorrenti fid-dar ta Emanuel Buttigieg u ohtu Catherine ghaliex kien habib ta' Emanuel u kien imur jarah kull nhar ta' Hadd. Jixhed li waqt li kien ikun hemm kien jara lil Georgine taghmel il-facendi. Jikkonferma wkoll li meta kien hemm bzonn zebgha tar-residenza huwa kien ghen lil John. Irrizulta mix-xhieda fl-atti izda li dan sehh oltre l-hames snin li fuqhom qed jinsistu r-rikorrenti. Jikkonferma wkoll li tul is-snin li huwa kien imur kemm Emanuel Buttigieg kif ukoll ohtu l-intimata Catherine Buttigieg ma kinux kapaci jmorru jixtru wahedhom u lanqas kienu kapaci jiehdu hsieb lilhom infushom. Isostni wkoll li Emanuel bniedem difficli ghax taqbizlu. Finalment jikkonferma li huwa dam jara lir-rikorrenti fid-dar tal-intimati ghall-perjodu ta' madwar ghaxar snin.

Omm ir-rikorrent John Buttigieg cioe' Maria Assunta Buttigieg xehdet li Emanuel u Catherine jigu hut ir-ragel taghha. Ikkonfermat li John kien jiehu hsieb lil Emanuel u Georgine kienet taghmel il-facendi. Xehdet ukoll li Georgine gieli wkoll haslet lil Catherine. Tghid li r-rikorrenti kienu jkunu ghand l-intimati kemm filghodu u kemm filghaxija u li John kien jorqod ma Emanuel. L-istess xhud ikkonfermat li Catherine kellha problema ta' xorb u li r-rikorrenti ghamlu perjodu ben oltre l-hames snin irendu dawn is-servigi lill-intimati.

L-affidavit ta' bint ir-rikorrenti Rebecca Bezzina li kkonfermat il-hinijiet twal li l-genituri taghha kienu jqattghu ghand l-intimati u ssostni li anki hi kienet tqatta' xi hin hemm u taghmel xi qadi.

Is-sid ta' hanut vicin Rosina Tabone kkonfermat ukoll li kienet tara lir-rikorrenti spiss dehlin ghand l-intimati dan ghaliex il-hanut taghha jinsab faccata tar-residenza tal-intimati. Tixhed li Catherine kienet kuljum tmur tixtri jew pakkett sigaretti jew xi zewg sigaretti. Tghid li kienet tara lil Catherine nadifa u qatt ma talbitha biex tahsilha.

Ix-xhieda ta' Maria Muscat li tirrisjedi fejn l-intimati. Din tikkonferma li Catherine kienet gieli iccemplilha biex taghmlilha xi haga bhal tbidlilha l-gass jew iddahlilha d-dixx fil-forn. Ghalkemm kien ikun spiss ma kienx ikun kuljum. Tispjega li l-kundizzjoni tad-dar kienet normali ghajr irwejjah tal-klieb u l-qtates li kellhom l-intimati. Tghid li qatt ma rathom mahmugin jew imgerfxin. Tikkonferma li kienet tara lil John u lil Georgine dehlin u hergin u li Catherine kellha l-problema tax-xorb. Tixhed ukoll li Catherine kienet tkun trid l-affarijiet malajr b'dana li l-Qorti tifhem li Catherine kienet iccemplilha biex tghinha ghaliex dak il-

mument ezatt ma kienx ikun hemm xi hadd mir-rikorrenti u Catherine kienet tkun trid kollox dak il-hin. Il-Qorti minn din ix-xhieda tifhem ukoll il-bzonnijiet kbar li kellhom l-intimati fejn fil-mument li ma kienx ikun hemm ir-rikorrenti, lanqas kellhom sahha jdahhlu dixx tal-ikel wahedhom fil-forn. Minn dan johrog car il-bzonn kbir ta' ghajnuna li huma kellhom bzonn w'ghalhekk l-element qawwi ta' ghajnuna li kienu jaghtu r-rikorrenti tul is-snin.

Mix-xhieda ta' Marija Scicluna li wkoll hija sid ta' hanut fis-Sannat johrog li Catherine kienet tixtri zewg fliexken whisky fil-gimgha u anki gieli xtrat lager. Hafna drabi kienet thallasha meta ddahhal il-paga. Hi stess kienet kienet tghidilha biex toqghod attenta minhabba x-xorb. Tikkonferma li Catherine ma kinitx xi wahda li ggemma flus izda l-flus li jidhlu tonfoqhom. Tixhed ukoll li r-rikorrent John Buttigieg spiss kien jghidilha biex ma taghtix aktar xorb lil Catherine. Taf li Catherine kienet thobb hafna lir-rikorrenti u li mija fil-mija kienet tfahharhom ta' li jaghmlu b'dana li jevidenzja lil din il-Qorti kemm ir-rikorrenti kienu ta' ghajnuna ghaliha ghall-kuntrarju ta' dak li tixhed Catherine fl-atti tal-kawzi. Tixhed li Catherine kienet tghidilha li Emanuel ma kienx tatiha flus. Meta Catherine kienet tkun l-isptar anki Georgine gieli marret tixtri.

Ir-ragel ta' Marija Scicluna cioe' Joseph Scicluna wkoll xehed f'dawn il-proceduri. Isostni li huwa gieli mar bil-merca fid-dar tal-intimati u li d-dar ma kienx jaraha mahmuga. Jghid li gieli ra lil Georgine tahsel l-art u anki taqlibilhom l-ikel. Jikkonferma li l-hlas tal-merca gieli kien isir minn Catherine u gieli minn Georgine. Jixhed li r-rikorrenti kien isibu u jghidlu biex lil Catherine ma jtihix aktar xorb ghax qed tixrob wisq tant li gieli ma marx bil-whisky li tkun ordnat Catherine ghaliex hekk jghidlu John.

Xehed ukoll Joseph Attard li jbiegh il-haxix bit-trakk li jkun ipparkjat hdejn l-intimati kuljum u ommu hija girien taghhom. Jixhed li jaf li Georgine kienet tnaddaf u John kien imur filghaxija. Jghid li gieli harget Georgine tixtri u gieli qaltlu issa thallsek Catherine wara. Jikkonferma li lir-rikorrenti kien ilu jarahom hemm snin twal u li hu kienu ilu jarma ta' kuljum ghal madwar ghaxar snin. Jikkonferma wkoll li kellhom injama mal-bieb minhabba x-xita u li din normalment kien jaghmilha John ir-rikorrent izda meta jinzerta ma jkunx hemm kienu jitolbu lilu biex jaghmililhom. Dan il-fattur ghal darb'ohra jerga' jevidenzja lil din il-Qorti l-bzonnijiet estremi li kellhom l-intimati li anki njama mal-bieb kien hemm bzonn li jpoggihilhom xi hadd.

Omm l-istess Joseph Attard ukoll xehdet f'dawn il-proceduri u tghid li gieli Catherine kienet tqabbadha tixtrilha. Tghid li minn persunta Catherine kienet tkun tidher nadifa. Tikkonferma li lir-rikorrenti kienet tarahom dehlin u hergin mir-residenza tal-intimati u anki tarahom jigu ghalihom bil-karozza hafna drabi. Gieli anki rat lil John jinnaviga fejn it-tank tal-bejt. Tghid li whisky ma kinitx tghidilha biex tixtrilha imma birra iva. Tikkonferma li kienet tara lil Georgine tnaddaf fuq barra.

Xehdet ukoll certa Dorothy Farrugia li kienet tahdem filghaxija fil-bar ta' faccata fejn f'dawn il-proceduri anki xehdet is-sid. Ghall-kuntrarju tas-sid din Dorothy Farrugia tghid li kienet tara lil Catherine mahmuga u li gieli talbitha tghinha bl-injama tal-bieb.

Xehed ukoll certu Mark Agius li ghandu hanut tal-laham. Huwa jsostni li Catherine kienet tmur tixtri qisu darbtejn fil-gimgha u jikkonferma li gieli marru John jew Gerogine. Jaf li Emanuel kien irabbli l-fniek u li sahansitra kien ibieghlu l-fniek. Jghid li l-flus kienet tohdhom Catherine jew John ir-rikorrent.

Joan Antida Pisani li hija sid ta' spizerija fis-Sannat fix-xhieda taghha kkonfermat li hija kienet xi drabi ttella' l-medicina lil Catherine mill-ispizerija. Tikkonferma li John u Georgine kienu jmorru l-ispizerija u li kienu jmorru fuq il-bzonnijiet ta' Catherine. B'hekk hija taf li kienu jiehdu hsiebhom.

- L-affidavits tal-intimati u l-kontro-ezami ta' Emanuel Buttigieg stante li Catherine Buttigieg giet nieqsa fil-mori. Fl-affidavit taghha Catherine Buttigieg tikkonferma li hija kienet ghamlet testment fejn halliet il-proprjeta' kollha lir-rikorrenti. Ghalkemm iggibha bi kbira dwar ix-xoghlijiet li kienu jaghmlu r-rikorrenti hija stess tammetti li Georgine gieli kienet tahsilha. Fost affarijiet ohra tallega li Georgine kienet serqitilha xi deheb ghalkemm tammetti li kienet taghtha xi deheb bhala apprezzament. Telenka d-deheb u l-affarijiet li skont hi allegatament ir-rikorrenti serqulha. Imkien ma ssemmi li ghamlet xi rapport lill-pulizija dwar dan l-allegat serq. Tghid li Georgine kienet issarfilha c-cekk u zzomm xi flus zghar u ttiha ghaxar Euro kull darba. Dan tichdu r-rikorrenti li nsistiet li hija kienet issarraf ic-cekk ta' Emanuel u mhux ta' Catherine. Tixhed li fl-2015, darba minnhom wara li hija qattghet xi jiem l-isptar sabet lil Emanuel inkorlat ghaliex hu qal li ma kienux hadu hsiebu.

Fl-affidavit tieghu Emmanuel Buttigieg jammetti li verament hu kien irabbi l-fniek u bieghhom bi hlas bl-ghajnuna izda tar-rikorrent John Buttigieg. Jallega li ohtu Catherine kienet tixtri l-frott frisk u luminata meta John kien jorqod maghhom. Jammetti li huwa kien ghamel it-testment favur ir-rikorrenti ghall-ghajnuna li kienu jtuh. Jallega li John Buttigieg hadlu l-eluf, hadlu revolver u video player. Fil-kontro-ezami tieghu izda jikkonferma li dwar dan ma ghamel l-ebda rapport lill-Pulizija. Mistoqsi x'gara meta keccew lir-rikorrenti jghid li ghandu jkun xi sentejn wara Georgine regghet messet. Jghid ukoll li Georgine kienet titolbu l-'commission' biex issarraflu c-cekk u kien jaghtiha ghaxar Euro (€10). Min-naha taghha Georgine insistiet li mhux talli ma kienx ihallasha izda kien anki jitlobha c-centezmi.

Fil-kontro-ezami izda Emanuel Buttigieg jinqabad f'bosta kontradizzjonijiet. Jammetti li r-rikorrenti sahansitra kienu jghinuhom sakemm oht l-intimati Ludgarda lahqet mietet. Mistoqsi jekk kienx kuntent li qed ihallihom werrieta ghaliex kienu qed iduru bihom jghid li iva. Mistoqsi ghalfejn ir-rikorrenti ma baqghux imorru jghid ghax iggilidna ma' xulxin **<u>u li sal-glieda hu u ohtu kienu kuntenti jtuhom kollox</u>** (emfazi mill-Qorti). Dan f'ghajnejn din il-Qorti jgib fix-xejn l-ilmenti u l-allegazzjonijiet li l-intimati jaghmlu fil-konfront tar-rikorrenti u li suppost sehhew qabel. Jikkonferma li r-rikorrenti Georgine kienet tmur tixtri. Skont hu kienet tmur bhala carer izda rrizulta mill-provi li bhala carer kienet tmur bejn is-sena 2012 u 2015 u dan ghal siegha erba' darbiet fil-gimgha. Jikkonferma wkoll li Georgine kienet issuq lil Catherine. Jghid li ma jaqbilx li kienet tmur tnaddaf erba' darbiet izda aktar 'il isfel fix-xhieda jammetti li Georgine kienet tmur siegha ghandhom anki qabel ma' bdiet mad-Dipartiment. Ghalkemm fix-xhieda originali tieghu kien xehed li John kien jaghmel il-*parties* fid-dar taghhom jikkonferma fil-kontro-ezami li John qatt ma ghamel *parties*. Jghid li huwa minnu li r-rikorrenti kienu jwasslu lil Catherine l-isptar Malta imma skont hu kienet thallas kollox hi vapur u 'fuel' dan dejjem x'kienet tghidlu hi ghax hu ma kienx johrog mid-dar. Mistoqsi jekk kinitx ukoll thallashom tal-hin taghhom jghid li ma jafx. Jaghti diversi versjonijiet ta' kemm ir-rikorrenti dam jahslu fejn daqqa jghid li mank dam sena izda mbaghad isostni li meta kellhom xi jghidu r-rikorrent qallu li mhux ser jahslu aktar b'dana li *a contrario senso* sas-sena 2015 ir-rikorrent allura kien ghadu jahslu u mhux biss wara l-operazzjoni. Jghid ukoll li r-rikorrenti ghamel biss xi sena u nofs jorqod mieghu ghalkemm f'parti ohra jghid li kien ilu jorqod maghhom kuljum mis-sena 2010. Mistoqsi ghalfejn waqqfu lir-

rikorrenti milli jghinuhom f'dan l-istadju jghid li ghax xebbghuhom u kienu suppervi, ghax imeruk u ma kienx jaghmillu t-te. Jammetti izda li ohtu Catherine kienet marret lura hafna fl-ahhar hames snin u li qabel dahlet Josette Xerri kienu John u Georgine li kienu jghinuh. Skont hu kulhadd kien jistaghgeb (cioe' jezageraw) bil-problema ta' xorb ta' Catherine anki t-tobba. Skont hu Georgine forsi sajritlu darbtejn tul is-snin kollha li ghenithom. Jikkonferma izda li Goergine kienet tmur ghand il-grocer u ghand tal-laham ghax kienet tibghata Catherine. Jammetti izda li John kien johodlu hsieb il-fniek.

- Il-Qorti rat ukoll ix-xhieda ta' Josianne Xerri li hija l-persuna li dahlet tghin lill-intimati wara lir-rikorrenti izda tqis li din ix-xhieda ghandha rilevanza biss mill-fatt li minnha johrog car li l-intimati kellhom bzonnijiet kbar u li ma kienux nies ta' wahedhom fejn fost affarijiet ohra tikkonferma li lill-intimat tahslu kuljum. Minn dan johrog car li tali sitwazzjoni zgur li ma zviluppatx f'dak il-perjodu ta' madwar hmistax-il gurnata li jidher li l-intimati ghamlu wahedhom sakemm ir-rikorrenti gew rimpjazzati. L-istess xhud tghid li meta marret hi sabet lill-intimati f'kundizzjonijiet hziena ghal dak li hija ndafa. Xhieda ohra li rawhom precedenti lkoll ikkonfermaw li kienu jkunu nodfa u l-ambjent nadif. Dan jista' jfisser biss li sakemm kien hemm ir-rikorrenti allura kienu r-rikorrenti li kienu jzommu l-post u lill-intimati nodfa. F'dik il-parti tax-xhieda fejn din ix-xhud tirrakonta x'qalulha z-zijiet dwar dak li suppost kienu jaghmlu r-rikorrenti dan huwa biss *detto del detto* w'ghalhekk ma jikkwalifikax bhala prova. Fuq kollox hija din l-istess xhud li tikkonferma li sakemm waslet it-telefonata taz-zijiet biex xi hadd mill-familja taghha jmur jghinhom kien fatt rinomat ghaliha u l-familjari taghha **<u>li kienu r-rikorrenti li kienu jiehdu hsiebhom </u>**(*emfasi tal-Qorti)***.**

- Ghal dak li huma flus fl-atti xehed Joseph Bajada rapprezentant tas-socjeta' assikurattiva tal-vettura ta' Catherine Buttigieg li ghall-kuntrarju ta' dak li xehdu l-intimati jikkonferma li ghall-ispejjez ta' assikurazzjoni tal-vettura kienet tmur thallas ir-rikorrenti Georgine u li hafna drabi kienet tkun waheda. Dan ovvjament ma jevidenzjax jekk kienux ikunu flus taghha jew le izda l-ircevuti fl-ammont komplessiv ta' €939 koprenti is-snin bejn 2011 u 2015 kienu jinhargu f'isem Georgine w'ghalhekk dan huwa fattur li jimmilita favur dak li xehdet ir-rikorrenti li l-flus kienu jkunu taghha altrimenti wiehed gustament jassumi li l-ircevuta kienet tinhareg f'isem Catherine.

Xehed ukoll Dr. Joseph Attard rapprezentant tad-Dipartiment tal-beneficcji socjali li kkonferma li l-intimati jghixu bil-beneficcji socjali u l-ammonti taghhom.

Ir-rapprezentant tal-Bank of Valletta s-Sur Alvin Scicluna kkonferma li r-rikorrenti kellhom prokuri favur taghhom moghtija mill-intimati. Dan jevidenzja kemm l-intimati kienu jafdaw lir-rikorrenti. Mid-dokumenti esebiti rrizulta li tul iz-zmien li r-rikorrenti kienu jiehdu hsieb lill-intimati kienu dejjem jingibdu l-ammonti ezatt ta' pensjoni mhallsa u jithallew il-ftit 'cents' fil-kaz ta Catherine, u mitt Euro (€100) fil-kaz ta' Emanuel fil-kontijiet kull xahar bhala bilanc biex il-kont jibqa' miftuh. Georgine Buttigieg tinsisti sahansitra li dawk il-mitt Euro (€100) kienu taghha w'ghalhekk il-kont kien fuq isimha wkoll.

**Bazi Legali ghat-talbiet attrici:**

Illi ai termini tal-Kodici Civili s-servigi huma kkunsidrati bhala tip ta' kwazi-kuntratt. L-artikolu 1012 tal-Kodici Civili jiddefenixxi l-kwazi-kuntratt bhala:

*"fatt lecitu u volontarju, li minnu tohrog obbligazzjoni lejn persuna ohra, jew obbligazzjoni tal-partijiet lejn xulxin."*

Abbazi tal-principju delineat f'dan l-artikolu persuna li tippresta servigi tesigi d-dritt li tigi kumpensata u dan ghar-raguni li hija tkun qed tarreka vantagg lill-persuna li tkun qeghdha tircievi tali servigi. Tul is-snin izda l-Qrati taghna varjaw il-mod kif iharsu lejn is-servigi u l-hlas taghhom.

Fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppina Deidun et vs. Emila Poggi et** deciza il-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-6 ta' Ottubru, 1954 inghad kif isegwi:

*'Il-kumpens ghal servigi prestati jista' jkun dovut mhux biss "jure actionis", jew meta jkun pattwit, imma wkoll "officio judicis" jew meta c-cirkustanzi juru car illi min ippresta s-servigi kellu l-intenzjoni li jithallas ghalihom. Il-prestazzjoni tal-servigi mhix presunta li tkun saret gratuwitament, u l-intenzjoni tal-gratuwita' u r-rinunzja ghall-kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment. U fil-gurisprudenza recenti, anki ghar-rigward tal-parenti, huwa applikabili l-principju li kwalunkwe servigi jigu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens, jekk ma jikkonkorrux cirkustanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-*

*gratuwita', sija pure meta hemm relazzjonijiet ta' parentela. Jekk il-provi juru li, meta gew prestati s-servigi, min irrendihom ma kellux intenzjoni li jithallas ghalihom, ma hemmx lok ghall-kumpens. Dak li hu importanti li ghandu jigi ezaminat, biex wiehed jara ghandux ikun hemm kumpens jew le, huwa l-mument meta gew prestati s-servigi; u cirkustanzi sussegwenti ma joperawx retroattivament biex joholqu dritt li ma kinietx intenzjoni tal-partijiet interessati li joholqu.'*

F'dan il-kaz kien gie ritenuti illi meta gew rezi s-servigi ma kienx hemm hsieb ta' hlas ghalihom u ghalhekk il-Qorti rrigettat it-talba ghal dak il-hlas'.

Fil-kawza fl-ismijiet **Ivy Angus vs. Joseph Calleja noe** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 15 ta' Frar, 1958 inghad kif isegwi:

*'Azzjoni ghall-hlas ta' kumpens ghal servigi rezi, skont il-kunsens unanimi tal-gurisprudenza nostrali; hija bazata guridikament fuq il-kwazi-kuntratt, u unanimement fuq il-prezunzjoni li min jassoggetta ruhu biex jaghmel servigi lil haddiehor jaghti dak l-istess xoghol bl-iskop li jithallas, ammenokke' ma jkunx ghamlu bi skop umanitarju biss, bla ebda hsieb li jkun kompensat, jew li jaghti dak l-istess servizz lil xi persuna tal-familja tieghu "familiaritatis sew pietatis causa"; f'liema l-ahhar ipotesi, min jirreklama s-servigi jrid ibieghed minnu dik l-istess prezunzjoni, li jkollha aktar sahha, sabiex ikollu success fl-azzjoni li huwa jintenta. Certament, l-intenzjoni tas-serventi li jithallas u tal-persuna servuta li tirrikompensa lil min serviha, huma ta' importanza f'kawzi bhal dawn; kif ukoll mhux ta' min jittraskura l-istat finanzjarju tant tal-persuna serventi kemm tal-persuna servuta; l-ghaliex, tant mill-punto di vista tal-intenzjoni tar-retribwibbilita', kemm mill-punto di vista tal-mizura tal-kumpens, dawn il-punti ghandhom importanza. Hekk, per ezempju, fil-kaz li persuna abbjenti li tmur minn jeddha ddur b'persuna li taf li hija fqira, il-prezunzjoni li dawk is-servigi saru bil-fehma ta' hlas ma tregix; u mill-banda l-ohra lanqas tista' tigi ndotta l-fehma tar-retribuzzjoni tal-persuna servuta li tkun f'dak l-istat finanzjarju. Jinghad ukoll li, jekk persunali tigi servuta tkun ta' fakoltajiet ekonomici ristretti, imma mhux tali li tkun indigenti, huwa prezunt li tisserva b'persuna li tkun kuntenta b'retribuzzjoni moderata, u mhux ga tali li tirrendiha ndigenti.'*

Dwar il-kwantifikazzjoni tas-servigi, z-zewg partijiet fis-sottomissjonijiet taghhom jikkwotaw gurisprudenza simili fejn dak li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni huma l-punti segwenti:

*'(i) il-grad ta' qrubija bejn min jaqdi u l-persuna meghjuna;*

*(ii) il-frekwenza tas-servigi moghtija;*
*(iii) in-natura tas-servigi maghmula;*
*(iv) il-kedda u t-tbatija involuti biex jinghataw is-servigi li dwarhom jintalab kumpens;*
*(v) il-grad ta' hila jew specjalizzazzjoni mehtiega biex jinghataw tali servigi;*
*(vi) jekk mal-ghoti tas-servigi l-persuna tkunx ukoll dahlet fi spejjez jew infieq minn butha;*
*(vii) il-mezzi tal-persuna li bbenefikat mill-prestazzjonijiet;*

Ara per ezempju d-decizjoni fl-ismijiet **Tessie Micallef et vs Lawrence Galea et** deciza fit-28 ta' April 2011 fejn fl-istess sentenza l-Prim Awla tal-Qorti Civili ddikjarat kif isegwi:

*"Minn ezami tal-gurisprudenza jirrizulta li fil-maggoranza tas-sentenzi l-kumpens qatt ma jkun f'ammonti kbar u dan peress illi s-servigi kwazi dejjem jinghataw minhabba ragunijiet ta' parentela (vide sentenza* ***Anthony Catania vs Maria Agius*** *deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-11ta' Dicembru 2003(Citaz 1381/1993). Fis-sentenza* ***Delicata vs Saliba*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Mejju 1989, il-Qorti rriteniet illi s-servigi huma bazati fuq kwazi-kuntratt u mhux fuq kuntratt u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-servigi, izda ghandhom jittiehdu inkonsiderazzjoni diversi fatturi ohra, li ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika. Dan iwassal biex il-kumpens qatt ma jkun ekwivalenti tax-xoghol li sar."*

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Catania pro et noe vs Maria Agius** deciza fil-11 ta' Dicembru 2003 irriteniet kif isegwi:

*'Dan qed jinghad ghax, bhala regola generali, il-kumpens moghti jkun, ftit jew wisq, imdaqqas meta l-beneficcjarja tkun marida jew mhux mobbli, b'mod li jkollha bzonn assistenza personali u kontinwa: ara kriterju f'dan is-sens li addottat din il-Qorti fil-kawza "Zammit et vs Farrugia Sacco noe" deciza fit-28 ta' Gunju, 1982. Hekk ukoll, fil-kawza "Buhagiar noe vs Mifsud noe", deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Frar, 1983, ghaz-zmien meta s-servigi kien ta' natura ordinarja u l-attrici kienet tmur tliet darbiet fil-gimgha ghand id-decuius u taghmlilha l-facendi kollha tad-dar, il-kumpens moghti kien ta' LM 1 fil-gimgha, fil-waqt li ghas-snin ta' wara, meta d-decuius kienet ta' sikwit timrad u kienet tmur tghix ghand l-attrici peress li kellha bzonn attenzjoni kontinwa u kostanti, il-kumpens moghti kien ta' Lm 3 fil-gimgha.'*

Jirrizulta fil-fatt li f'sentenza aktar recenti fl-ismijiet **Francis Mizzi et vs Roseann Galea et**, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-2 ta' Mejju, 2016 il-Qorti tal-Appell wara li kkunsidrat li kienu verament gew prestati servigi estenzivi minn zewg persuni b'mod kontinwu lill-persuna li kienet ma tistax tohrog mid-sodda dik il-Qorti akkordat is-somma ta' €70 kull persuna ghal kull gimgha lill-persuni nvoluti.

**Kunsiderazzjonijiet fil-mertu**

Illi ghal dak li huwa mertu tal-kawza odjerna u cioe' servigi rezi mir-rikorrenti lill-intimata Catherine Buttigieg din il-Qorti tqis li johrog car mill-provi li l-ghajnuna li r-rikorrenti kienu qed jaghtu kienu qed jaghmluha bl-intenzjoni cara li jigu kumpensati taghha tant li fis-sena 2010 l-intimata rredigiet testment bil-konoxxenza tar-rikorrenti fejn huma thallew werrieta ta' gidha kollu li kien jikkonsisti f'ammont ta' proprjeta' immobbli. Ghal dak li huwa grad ta' qrubija jirrizulta li r-rikorrent John Buttigieg huwa n-neputi tal-intimata filwaqt li Georgine hija mart l-istess rikorrenti John Buttigieg.

Jirrizulta lil din il-Qorti li fil-kaz ta' Catherine Buttigieg l-aktar li prestat servigi fil-konfront taghha kienet ir-rikorrenti Georgine Buttigieg li kienet tiehu hsieb l-indafa tad-dar li fiha izda ma kienetx tghix biss l-intimata izda wkoll huwa Emanuel. Kienet ukoll taghmel il-qadi li jkun hemm bzonn ghad-dar. Din il-Qorti hija sodisfatta mix-xhieda prodotta li r-rikorrenti kienet tqatta' ferm aktar minn siegha kuljum fid-dar tal-intimata u mhux kif isostni Emanuel Buttigieg altrimenti ma jistax ikun li x-xhieda kollha li ttellghu kollha jsostnu li kienu jarawha hemm irrilevantement mill-hin li kienu jkunu fil-vicinanzi. Irrizulta wkoll car li sahansitra kien hemm xhieda li kienu jarawha hemm tnaddaf nhar ta' Hadd. L-istess Georgine Buttigieg kienet tipprovdi wkoll ghat-tisjir forsi mhux ta' kuljum imma sikwit. Dan johrog anki mix-xhieda ta' bint ir-rikorrenti li tiftakar li nhar ta' Hadd u anki fil-Milied kienu jispiccaw il-familja kollha fl-ulied ghand l-intimati sabiex jieklu flimkien u kienet Georgine Buttigieg li tiehu hsieb. Il-Qorti izda trid temfasizza li ghal dan kollu msemmi fir-rigward ta' Georgine Buttigieg dan kien ghall-gid kemm tal-intimat Emanuel Buttigieg izda wkoll lil ohtu.

Oltre dan izda Georgine Buttigieg kienet spiss twassal lil Catherine Buttigieg ghal diversi qadjiet apparti li kienet taqdiha wkoll billi tmurilha fl-ispizerija ghall-bzonnijiet tal-istess Catherine Buttigieg. Kien hemm

anki zmien fejn ir-rikorrenti raqdet mal-intimata b'mod partikolari meta Emanuel Buttigieg kien l-isptar.

Da parti tieghu r-rikorrent John Buttigieg evidentement kien aktar jiehu hsieb lil Emanuel Buttigieg milli lil Catherine Buttigieg. Jirrizulta izda li kien jaghmel xi xoghlijiet ta' manutenzjoni tad-dar u anki kien iwassal lill-intimati ghal xi qadi jew appuntamenti li kien ikollhom. Kien ukoll jaghmel il-qadjiet fil-hwienet mitluba minnu minn Catherine.

Illi dak suespost huma ftit biss mill-affarijiet li jirrizulta mill-atti li r-rikorrenti kienu jaghmlu ta' kuljum ghall-intimata bl-ghan li hija tghix hajja aktar komda

Illi l-ammont ta' servigi rezi mir-rikorrenti lill-intimati, b'mod partikolari dawk moghtija mir-rikorrent John Buttigieg kien tant ta' kedda u tbatija fis-sens li kien jinvolvi sagrificcji kbar li zammew lil John Buttigieg 'il boghod mill-familja tieghu ghal snin u hinijiet twal li f'certu zmien kien anki ser iwassal ghat-tkissir taz-zwieg bejn ir-rikorrenti. Fortunatament dan izda ma sehhx. Ma jirrizultax li r-rikorrent kellu xi grad jew hila partikolari fis-servigi moghtija filwaqt li r-rikorrenti kienet appuntu ghal certu zmien ingaggata bhala 'carer' b'dana li kienet kwalifikata sabiex tiehu hsieb l-anzjani fil-bzonn. Tant hu hekk li x-xhud rapprezentanti tad-dipartiment ikkonfermat li l-anzjani li kienu jinqdew biha qatt ma gergru mil-prestazzjonijiet taghha.

Dwar spejjez u nfieq din il-Qorti temmen li John Buttigieg spiss inkorra spejjez sabiex jikkuntenta lil Emanuel Buttigieg fosthom ghalf ghall-annimali, spejjez ta' *fuel* u anki flus li hallas sabiex ibiddel is-*shift* biex ikun jista' jmur jghin lill-intimat. Dawn l-ispejjez ghandhom ipattu ghall-uzu li John Buttigieg seta' ghamel mill-proprjeta' tal-intimati ghall-bzonnijiet tieghu (li ma jirrizultax li kien xi uzu estensiv anki ghaliex bosta minnu kien isir fuq insistenza ta' Emanuel Buttigieg stess). L-istesss jinghad ghall-ispejjez li setghet inkorriet Georgine Buttigieg fosthom *fuel* u *insurance* li jistghu jigu pacuti mal-ftit bicciet tad-deheb li hija nghatat minn oht l-intimat Catherine Buttigieg u l-uzu tal-vettura ghall-bzonnijiet taghha personali.

Din il-Qorti taghmilha cara li mill-provi li tressqu ma tqisx li gie pruvat u ma temminx l-allegazzjonijiet da parti tal-intimati li r-rikorrenti serqulhom xi flus jew xi deheb u tqis li dawn l-allegazzjonijiet saru biss

sabiex jintefa' dell ikrah fuq ir-rikorrenti fil-mument li dawn intavolaw il-kawza odjerna. Dan johrog ukoll mill-fatt li l-intimat fil-kontro-ezami tieghu kkontradixxa diversi drabi lilu nnifsu b'dana li l-Qorti ma tqisx li tista' tistrieh fuq ix-xhieda tieghu.

Illi dwar il-mezzi tal-intimati din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tal-intimati li ma gewx pruvati l-mezzi tal-intimati. Fil-fatt fl-atti tressqu diversi testmenti li jelenkaw il-proprjetajiet immobbli tal-intimati kif ukoll l-introjtu mensili tal-intimati ghal dak li huwa beneficcji socjali. Ir-rikorrenti jsostnu li l-proprjeta' immobbli tiswa mill-anqas tliet mitt elf Euro (€300,000). Din l-asserzjoni bl-ebda mod ma giet ikkontestata jew pruvata mod iehor da parti tal-intimati. Din il-Qorti tqis tali valutazzjoni da parti tar-rikorrenti bhala wahda pjuttost gusta u adegwata meta wiehed jikkunsidra l-proprjeta' involuta kif deskritta fit-testmenti u konfermata fil-kontro-ezami mill-istess intimat.

Illi finalment jirrizulta lil din il-Qorti mill-provi mressqa li s-servigi hawn fuq imsemmija kienu l-aktar impenjattivi fl-ahhar hames snin qabel mar-rikorrenti tkeccew milli jkomplu jghinu l-intimat u l-ohtu stante li s-sahha tal-intimati ddeterjorat sew w'ghalhekk dan ukoll ghandu jittiehed kont ghall-valutazzjoni tas-servigi rezi.

Illi tenut kont ta' dak kollu suespost din il-Qorti tqis li ghal dak li huma servigi rezi mir-rikorrenti Georgine Buttigieg fil-konfront ta' l-intimata Catherine Buttigieg dawn ghandhom jigu kalkolati bir-rata ta' €6 kuljum ghall-perjodu ta' hames snin (6 x 7 x 52 x 5) b'dana li t-total dovut lir-rikorrenti Georgine Buttigieg minn Emanuel Buttigieg fuq perjodu ta' hames snin jammonta ghal ghaxart elef, disa' mija u ghoxrin Euro (€10,920). Jinghad li ghalkemm din il-Qorti tidher li qed taghmel kalkolu identiku ghal kull jum ta' servigi, dan huwa biss bazi tal-kalkolu taghha u ghandu jitqies li jinkludi jiem fejn inghataw servigi estensivi u ohrajn fejn inghataw servigi anqas b'dana li jum ipatti ghall-iehor. In oltre f'dan il-kalkolu din il-Qorti zammet kont tal-fatt li bejn il-perjodu 2012 u 2015 erba' sieghet fil-gimgha r-rikorrenti kienet taghmilhom fuq bazi ta' xoghol w'ghalhekk kienet tithallas taghhom. Dawn is-sieghat mhux inkluzi fil-kalkolu ta' din il-Qorti u l-kalkolu tal-kumpens dovut huwa ghal servigi rezi oltre dawk is-sieghat. Il-Qorti qed izzomm ukoll kont li whud mis-servigi rezi mir-rikorrenti ma kinux biss ghat-tgawdija tal-intimata Catherine Buttigieg izda wkoll ta' Emanuel Buttigieg b'dana li

ghal dak dovut lilha da parti ta' Emanuel Buttigieg din il-Qorti ser tipprovdi fis-sentenza deciza llum stess bin-numru 38/2015.

Illi tenut kont ta' dak kollu suespost din il-Qorti tqis li ghal dak li huma servigi rezi mir-rikorrent John Buttigieg fil-konfront ta' l-intimata Catherine Buttigieg liema servigi ma jirrizultax li kienu ta' natura personali ghal kuntrarju ta' dawk rezi lil Emanuel Buttigieg dawn ghandhom jigu kalkolati bir-rata ta' €3 kuljum ghall-perjodu ta' hames snin (3 x 7 x 52 x 5) b'dana li t-total dovut lir-rikorrent John Buttigieg minn Emanuel Buttigieg fuq perjodu ta' hames snin jammonta ghal seba' u ghoxrin elf u tliet mitt Euro (€27,300). Ghalkemm din il-Qorti tidher li qed taghmel kalkolu identiku ghal kuljum ta' servigi, dan huwa biss bazi tal-kalkolu taghha u ghandu jitqies li jinkludi jiem fejn inghataw servigi estensivi u ohrajn fejn inghataw anqas servigi b'dana li jum ipatti ghall-iehor. Dan l-ammont ma jinkludix il-hlas ta' servigi dovuti lir-rikorrent minn Emanuel Buttigieg u li ghalihom din il-Qorti ser tipprovdi fid-decizjoni 38/2015 illum stess.

**Spejjez tal-kawza:**

Ghal dak li huwa l-ilment tal-intimati dwar l-ispejjez ta' din il-kawza stante li skont huma ma kienx hemm bzonn li jsiru zewg kawzi separati din il-Qorti tikkumenta:

- li legalment ir-rikorrenti kellhom kull dritt li jintavolaw zewg proceduri separati in vista li l-intimati huma persuni distinti u separati minn xulxin;
- li rrizulta lil din il-Qorti li s-servigi rezi lill-intimat odjern ma kienux identici ghal dawk rezi lil Catherine Buttigieg b'mod partikolari fil-kaz ta' John Buttigieg;
- li facilment setghet tirrizulta sitwazzjoni fejn tintlaqa' talba fil-konfront ta' intimat u mhux iehor;

w'ghalhekk tqis li r-rikorrenti kienu gjusifikati li jintavolaw proceduri separati ghal servigi rezi lil zewg persuni diversi minghajr ma jiehdu l-ebda riskju legali li b'xi mod seta' potenzjalment itappan talba fuq ohra.

**Decizjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti din il-Qorti taqta w'tiddeċiedi din il-kawża kif isegwi:

1. Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata bl-ispejjeż kontra tagħha;
2. Tiddikjara sorvolata t-tieni eċċezzjoni;
3. Tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-intimata bl-ispejjeż kontra tagħha
3. Tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimata;
4. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrenti għas-servigi, kuri u assistenzi reżi lill-intimata Catherine Buttigieg fl-ammont komplessiv ta' sittax-il elf, tliet mija u tmenin Euro (€16,380).
5. Tilqa' t-tieni talba attriċi u tikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti komplessivament l-ammont ta' sittax-il elf, tliet mija u tmenin Euro (€16,380).

Bl-ispejjeż kollha kif mitluba kontra l-intimata.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Maġistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Reġistratur

Vera kopja

D/Reġistratur